



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

9.9.2013

B7-0397/2013

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-persjoni mir-Russja fuq il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (fil-kuntest tas-Samit tas-Sħubija tal-Lvant li jmiss f'Vilnius)
(2013/2826(RSP))

**Libor Rouček, Marek Siwiec, Ana Gomes, Evgeni Kirilov,
Knut Fleckenstein, Marusya Lyubcheva**
f'isem il-Grupp S&D

RE\1002433MT.doc

PE515.965v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

B7-0397/2013

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-pressjoni mir-Russja fuq il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (fil-kuntest tas-Samit tas-Sħubija tal-Lvant li jmiss f'Vilnius) (2013/2826(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra s-Samit tas-Sħubija tal-Lvant li se jsir f'Vilnius f'Novembru 2013,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjonijiet Konġunti tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-20 ta' Marzu 2013 dwar 'Il-Politika Ewropea tal-Viċinat: Ħidma favur sħubija aktar b'saħħitha (JOIN(2013) 4 finali), tal-25 ta' Mejju 2011 dwar 'Risposti ġodda għal Viċinat fi trasformazzjoni' (COM(2011)0303) u tat-8 ta' Marzu 2011 dwar 'Sħubija għad-demokrazija u l-prosperità komuni fin-Nofsinhar tal-Mediterran' (COM(2011)0200),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Lulju 2010, l-20 ta' Ġunju 2011, l-10 ta' Diċembru 2012 u t-22 ta' Lulju 2013 dwar il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin/Kummerċ tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Settembru 2011 u tal-Kunsill Ewropew tas-7 ta' Frar 2013,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni tal-15 ta' Mejju 2012, intitolata 'Is-Sħubija tal-Lvant: Pjan Direzzjonali għas-Samit tal-ħarifa 2013' (JOIN(2012) 13 finali),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu li jinkludu r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar in-negozjati tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Armenja¹, dwar in-negozjati tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Azerbajġan², dwar in-negozjati tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova³, dwar in-negozjati tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġeorgja⁴ u dwar in-negozjati tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukraina⁵,
- wara li kkunsidra l-Istqarrija Konġunta dwar is-Sħubija tal-Lvant tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Grupp Visegrad, l-Irlanda u l-Litwanja, maħruġa fi Kraków fis-17 ta' Mejju 2013,
- wara li kkunsidra r-rapport tiegħu dwar l-aspetti kummerċjali tas-Sħubija tal-Lvant (2011/2306(INI)),

¹ Testi adottati, P7_TA(2012)0128.

² Testi adottati, P7_TA(2012)0127.

³ Testi adottati, P7_TA(2011)0385.

⁴ Testi adottati, P7_TA(2011)0514.

⁵ Testi adottati, P7_TA(2011)0545.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Ukraina għandha l-prospett li tiffirma Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Unjoni Ewropea fis-samit tas-Sħubija tal-Lvant tal-UE f'Vilnius f'Novembru 2013; billi l-Armenja, il-Ġeorġja u l-Moldova għandhom il-prospett li jinizjalaw Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni f'Vilnius f'Novembru 2013; billi l-Ukraina inizzjalat Ftehim ta' Assoċjazzjoni Approfondit u Komprensiv (DCFTA) mal-UE f'Lulju 2012; billi n-negozjati dwar DCFTA mal-Moldova ġew konklużi f'Ġunji 2012 u negozjati dwar DCFTA mal-Ġeorġja u l-Armenja ġew konklużi f'Lulju 2013; billi assoċjazzjoni mal-UE toffri lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant relazzjonijiet qawwija mal-UE fl-ambitu politiku u soċjali li jmorru sew lil hinn mis-sempliċi benefiċċji ekonomiċi u li jservu bħala qafas komprensiv għat-trasformazzjoni domestika;
- B. billi l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant li qed jimxu 'l quddiem fit-triq lejn ftehimiet ta' assoċjazzjoni mal-UE qed jitpoġġew taħt pressjoni intensiva mir-Russja biex ma jiffirmawx dawn il-ftehimiet, iżda minflok jingħaqdu mal-Unjoni Doganali tal-Bjelorussja, il-Kazakistan u r-Russja, li huwa mmexxi mir-Russja, u li r-Russja għandha l-ħsieb li tittrasforma bħala Unjoni Ewro-Asjatika; billi r-Russja użat restrizzjonijiet kummerċjali u miżuri protettivi, inkluż bl-iskuża ta' preokkupazzjonijiet fitosanitarji, kif ukoll il-preokkupazzjonijiet dwar sigurtà u enerġija ta' wħud mill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, bħala għodda ta' pressjoni biex tikseb dawn l-oġettivi;
- C. billi l-iffirmar ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni mal-UE, li jinkludu DCFTAs u s-sħubija fl-Unjoni Doganali, huma reċiprokament inkompatibbli f'dan l-istadju minn perspettiva legali, peress li rati tariffarji esterni bejn ir-Russja, l-UE u s-Sħubija tal-Lvant iwarjaw kunsiderevolment; billi ftehim ta' assoċjazzjoni mal-UE jgħib miegħu riformi politiċi u legali li jwasslu għat-tiħiħ tal-istat tad-dritt, inaqqsu l-korruzzjoni u jgħibu rispett akbar tad-drittijiet tal-bniedem; billi s-sħubija f'Unjoni Doganali, għall-kuntrarju, ma tinvolvi l-ebda benchmark ibbażat fuq valuri u kundizzjonalitajiet, u għalhekk ma tistax titqies bħala stedina għal riformi domestiċi;
- D. billi l-fluss ta' merkanzija Ukraina lejn ir-Russja twaqqaf deliberatament minn awtoritajiet doganali Russi minn nofs Awwissu; billi dan ikkawża ħsara ekonomika sinifikanti lill-Ukraina u jikkostitwixxi mezz ta' pressjoni fuq il-Gvern Ukrain biex ma jfittixx relazzjonijiet aktar mill-qrib mal-UE u biex joqgħod lura milli jiffirma Ftehim ta' Assoċjazzjoni/Ftehim Kummerċjali Ħieles Approfondit u Komprensiv (AA/DCFTA) fis-Samit ta' Vilnius;
- E. billi l-President Unkrain Viktor Yanukovich iddikjara li kwalunkwe deċiżjoni dwar l-iffirmar ta' ftehim kummerċjali ħieles mal-Unjoni Ewropea jew alternattivament, sħubija fl-Unjoni Doganali, isir permezz ta' referendum; billi, fl-istess ħin, għamel sejħa qawwija lill-Parlament Ukrain biex jaċċelera l-proċess ta' riforma sabiex l-Ukraina tkun tista' tiffirma l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-UE fis-samit ta' Vilnius;
- F. billi l-President tal-Armenja, Serzh Sargsyan, ħabbar fit-3 ta' Settembru 2013 waqt iż-żjara tiegħu f'Moska li l-Armenja se taħdem biex tingħaqad mal-Unjoni Doganali minflok ma tkompli bil-proċess lejn il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-UE, filwaqt li fl-istess ħin iddikjara r-rieda tiegħu li jkompli miexi b'aktar dialogu mal-UE;

- G. billi t-tħabbira tal-President Sargsyan għadha ma ġietx approvata mill-Parlament Armen; billi saret dimostrazzjoni kontra s-sħubija tal-Armenja fl-Unjoni Doganali f'Jerevan u l-pulizija arrestat mill-inqas disa' persuni; billi żewġ rappreżentanti prominenti tas-soċjetà ċivili magħrufa għall-oppożizzjoni tagħhom għall-Unjoni Doganali ġew attakkati brutalment minn aggressuri mhux magħrufa;
- H. billi r-Russja żiedet il-pessjoni tagħha fil-Moldova, billi wissietha li l-inizjalar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-UE jista' jkollu l-konsegwenza li l-Moldova titlef permanentement it-territorju ribelli ta' Transnistrija u jwassal għal relazzjoni tal-enerġija mar-Russja bi spejjeż ikbar, li hija l-fornitur tal-gass prinċipali tagħha;
- I. billi l-Gvern Ġeorġjan iddikjara li se jirrispetta l-Unjoni Doganali, iżda s-sħubija f'din l-Unjoni mhijiex għażla għall-Ġeorġja; billi l-Ġeorġja tinsab taħt pessjoni qawwija mir-Russja biex tingħaqad mal-Unjoni Doganali;
1. Huwa mħasseb dwar l-azzjonijiet tar-Russja mmirati biex itellfu lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant minn assoċjazzjoni politika u ekonomika aktar mill-qrib mal-UE; jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant ikkonċernati u jerġa' jafferma d-dritt sovrani ta' kull stat li jagħżel l-alleanzi politiċi u kummerċjali tiegħu; jemmen, barra minn hekk, li l-integrazzjoni progressiva ta' pajjiżi sħab mal-UE hija consistenti mal-intenzjoni tagħhom ta' relazzjonijiet tajba ta' viċinat mar-Russja; jirribatti bil-qawwa din il-logħba, fejn il-gwadan ta' naħa jissarraf ftelf għan-naħa l-oħra, bħala mudell għar-relazzjonijiet tal-UE u r-Russja mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant; iqis li huwa importanti, f'dan il-kuntest, li jiġi esplorat il-prospett ta' ftehim kummerċjali ħieles mal-Unjoni Doganali u l-istati membri tagħha;
 2. Jafferma mill-ġdid l-appoġġ qawwi tiegħu għall-inizjalar jew l-iffirmar tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni fis-samit ta' Vilnius ma' dawk il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant li huma lesti li jagmlu dan u għandhom ir-rieda għalih, sakemm il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti neċessarji jiġu soddisfatti;
 3. Jenfasizza li l-proċess ta' integrazzjoni ekonomika u l-konklużjoni u d-dħul fis-seħħ ta' ftehimiet kummerċjali ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u s-sħab tagħha tal-Ewropa tal-Lvant jistgħu wkoll jibbenefikaw sostanzjalment ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali ma' stati oħra fil-viċinat u l-istrutturi ta' kooperazzjoni tagħhom;
 4. Jiddeplora l-pessjoni intensiva mir-Russja fuq dawk il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant li qed jersqu viċin il-fażijiet finali tan-negozjar, l-iffirmar u l-inizjalar tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni tagħhom; jistieden lir-Russja tirrispetta bis-sħiħ l-għażliet tal-politika baranija tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant;
 5. Huwa konvint li aktar riformi politiċi u ekonomiċi f'dawn il-pajjiżi, abbażi ta' valuri u standards tal-UE, huma, fl-aħħar mill-aħħar, fl-interess tar-Russja stess, peress li hija tkun tista' tespandi ż-żona ta' stabbiltà, prosperità u kooperazzjoni mal-fruntieri tagħha; ifakkar fl-istedina permanenti tal-UE sabiex ir-Russja tikkontribwixxi għal dan il-proċess permezz ta' impenn kostruttiv fi ħdan il-qafas tas-Sħubija tal-Lvant;
 6. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Kunsill joħorġu b'miżuri speċifiċi u effettivi biex jappoġġjaw pajjiżi sħab li jsiru vittmi ta' azzjonijiet kastiganti minn stat terz minħabba l-

intensifikazzjoni tal-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika tagħhom mal-UE;

7. Jistieden lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant ikomplu u jżidu l-isforzi tagħhom biex jikkonkludu ftehimiet ta' assoċjazzjoni hekk kif qed joqrob is-Samit tas-Sħubija tal-Lvant f'Vilnius u biex ma jċedux għall-persjoni li qed tiġi eżerċitata fuqhom; jenfasizza, f'dan ir-rigward, ir-reponsabilità tal-elites politiċi f'dawn il-pajjiżi li jikkommettu ruħhom kompletament għal riformi politiċi, ekonomiċi u legali meħtieġa għal assoċjazzjoni aktar mill-qrib mal-UE u li jimpenjaw bis-sħiħ is-soċjetajiet tagħhom f'dan l-isforz; ifakkar lill-gvernijiet tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant dwar l-impenji li ftiehm u dwarhom fis-samit ta' Praga fl-2009 fejn ġiet stabbilita l-inizjattiva tas-Sħubija tal-Lvant;
8. Jinnota li l-integrazzjoni Ewropea tgawdi maġġoranza ta' appoġġ popolari fil-pajjiżi li qed jistennew l-inizjalat jew l-iffirmar ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni; ihegġegħ lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-isforzi tagħha, madankollu, biex tippromwovi l-viżibilità tal-Isħubija tal-Lvant u l-benefiċċji tagħha fost il-pubbliku ġenerali fil-pajjiżi sħab bħala mod ta' konsolidazzjoni tal-konsensus politiku rigward l-għażla Ewropea;
9. Jilqa' r-riaffermazzjoni tal-aspirazzjonijiet Ewropej tal-Ukraina mill-President Viktor Yanukovich; jilqa' l-progress magħmul mill-Ukraina u jstieden lill-forzi politiċi kollha fl-Ukraina biex jaċċeleraw ir-riformi li jgħinuha tikseb riżultati rigward l-impenji tagħha qabel is-samit ta' Vilnius, sabiex il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jkun jista' jiġi inizjalat waqt is-samit; jstieden lill-Russja żżomm lura milli tuża restrizzjonijiet kummerċjali u miżuri protettivi kontra l-importazzjonijiet Ukraini għal raġunijiet politiċi;
10. Huwa ddiżappuntat bit-tħabbira magħmula mill-President Armen Serzh Sargsyan rigward l-intenzjoni tal-Armenja li tingħaqad mal-Unjoni Doganali mingħajr diskussjoni xierqa fil-parlament nazzjonali u konsultazzjoni usa' mal-oppożizzjoni u s-soċjetà ċivili; jstieden lill-Armenja, madankollu, biex ma tabbandunax il-progress li sar fin-negozjar dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u xorta għandu l-intenzjoni li dan jiġi inizjalat fis-samit ta' Vilnius; jikkundanna l-każijiet ta' vjolenza kontra membri tas-soċjetà ċivili li jopponu l-Unjoni Doganali u jstieden lill-awtoritajiet jinvestigaw mal-ewwel kull każ ta' dan it-tip u jżomm reponsabbli lil dawk li jwettqu delitti bħal dawn;
11. Jinsisti, għal darb'oħra, li l-UE għandha tassumi rwol aktar dirett u proattiv fir-riżoluzzjoni tal-kunflitt Nagorno-Karabakh; jirrikonoxxi l-fatt li l-kunflitt mhux riżolt mal-Azerbajġan dwar ir-reġjuni ribelli ta' Nagorno-Karabakh u d-dipendenza tal-Armenja fis-sigurtà tagħha mir-Russja permezz tas-sħubija tagħha fl-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar is-Sigurtà Kollektiva, setgħu influwenzaw id-deċizzjoni tal-Armenja li tingħaqad mal-Unjoni Doganali;
12. Huwa tal-fehma li r-riżoluzzjoni paċifika ta' kunflitti mhux riżolti fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, abbażi tar-rispett lejn l-integrità territorjali tal-pajjiżi kollha kkonċernati – l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Ġeorġja u l-Moldova – hija essenzjali biex is-Sħubija tal-Lvant tirrealizza l-potenzjal sħiħ tagħha;
13. Jappoġġa bis-sħiħ l-għażla tal-Moldova favur integrazzjoni pro-Ewropea; ifaħħar il-progress li l-pajjiż għamel lejn Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-UE;
14. Jilqa' l-progress rapidu mill-Ġeorġja lejn Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-UE u jhegġegħ lill-

Gvern Ġeorġjan ikompli bl-isforzi tiegħu;

15. Jinnota li l-konklużjoni tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni jeħtieġ li tiġi segwita bl-implimentazzjoni immedjata u komprensiva tagħhom, u jtenni f'dan ir-rigward li l-UE hija lesta takkumpanja u tassisti lis-sħab Ewropej tagħha fl-isforzi ta' integrazzjoni tagħhom; jappoġġja f'dan ir-rigward l-applikazzjoni provviżorja ta' DCFTAs fit-totalità tagħhom sabiex titkattar l-integrazzjoni ekonomika bejn il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u l-UE;
16. Jemmen bil-qawwa li l-faċilitazzjoni tal-viża u l-prospett ta' vvjaġġar mingħajr viża bejn l-UE u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant huma essenzjali biex jipperswadu lil dawn is-soċjetajiet biex jagħżlu l-Ewropa;
17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u l-Federazzjoni Russa.